MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 23/2004

**HSBC Bank Malta Plc (C3177)**

**Vs**

**Joseph Cutajar ID: 257366(M) u**
**Michelle Giordmaina ID: 116386(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Bank attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm1,182.85c (elf mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti bilanc fuq *loan account* numru 040-079550-300.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lill-PL Adrian Borg li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra d-dokument A a fol 2 u 3 tal-process u minn ezami tieghu jidher li l-imghax komputat huwa eccessiv u l-ammont bilancjali dovut bl-imghax fuq il-*loan* b'rata ta' 8% p.a jgib is-somma ta' Lm1,150 (elf mija u hamsin lira Maltin) bl-imghax mil-lum.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Bank attur kif fuq ridotta tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1,150 (elf mija u hamsin lira Maltin), bl-imghax mil-lum. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------